



Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fid-9 ta' Ottubru 2013¹

Kawża C-371/12

**Enrico Petillo
Carlo Petillovs
Unipol**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunale di Tivoli (l-Italja))

“Assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta’ vetturi bil-mutur — Direttiva 72/166/KEE — Artikolu 3 — Direttiva 84/5/KEE — Artikolu 1 — Direttiva 90/232/KEE — Artikolu 1a — Dritt għall-kumpens — Limitazzjoni fuq id-dritt għall-kumpens — Dannu mhux materjali”

1. Fil-kawża preżenti l-Qorti qiegħda essenzjalment tintalab tiddeċiedi dwar jekk dispożizzjoni nazzjonali li tirregola l-ammont ta’ kumpens pagabbli għal dannu li ma jikkonsistix f’dannu finanzjarju jew fi ħsara lill-proprjetà (iktar ’il quddiem imsejħa “dannu mhux materjali”) fil-każ ta’ inċidenti tat-traffiku, hijiex kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni Ewropea (iktar il-quddiem l-“UE”) dwar l-assigurazzjoni ta’ vetturi bil-mutur.

2. Din id-domanda tqajjem numru ta’ kwistjonijiet interpretattivi importanti fir-rigward ta’ dawn ir-regoli tal-UE. Is-soluzzjoni għal dawn il-kwistjonijiet interpretattivi tista’, fil-fatt, taffettwa lill-iżjed minn 1,500,000 individwu, li kull sena jsofru minn dannu personali b’riżultat ta’ inċidenti tat-traffiku fl-Unjoni Ewropea². Barra dan, l-interpretazzjoni ta’ dawn ir-regoli hija partikolarment importanti għall-impriżi tal-assigurazzjoni, minħabba li r-responsabbiltà fir-rigward tal-użu ta’ vetturi bil-mutur tikkostitwixxi parti importanti fil-kamp tal-assigurazzjoni fl-Unjoni Ewropea.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-kumitat tar-Reġjuni – Lejn Żona Ewropea ta’ sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta’ politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020, KUMM(2010) 389 finali, p.2.

I – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-UE*

3. L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà³ (iktar 'il quddiem imsejħa l-“Ewwel Direttiva”) tipprovdi:

“1. Kull Stat Membru għandu, soġġett għall-Artikolu 4, jieħu l-miżuri kollha approprijati biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tiegħu ikun kopert minn assigurazzjoni. Il-limiti koperti tar-responsabbiltà [id-danni koperti] u l-kondizzjonijiet tal-kopertura għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi ta' dawn il-miżuri.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura li l-kuntratt tal-assigurazzjoni jkopri wkoll:

- skond il-liġi fis-seħħ fl-Istati Membri l-oħra, kull telf jew inġurja kkawżata fit-territorju ta' dawk l-Istati;
- kull telf jew inġurja sofferta minn ċittadini ta' Stati Membri tul vjaġġ dirett bejn żewġ territorji li fihom it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea jkun fis-seħħ, jekk ma jkun hemm l-ebda bureau nazzjonali ta' l-assiguraturi responsabbli għat-territorju li jkun qed jinqasam. F'dak il-każ, it-telf jew inġurja għandha tkun koperta skond il-liġijiet interni dwar l-assigurazzjoni obbligatorja fis-seħħ fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-vettura tkun normalment ibbażata.”

4. L-Artikolu 1 tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur⁴ (iktar 'il quddiem imsejħa it-“Tieni Direttiva”) jipprovdi:

“1. L-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tal-[Ewwel Direttiva] għandha tkopri b'obbligu kemm il-ħsara lill-proprjetà u kemm il-korrimenti personali [dannu personali].

...”

5. Skont l-Artikolu 1a tat-Tielet Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur⁵ (iktar 'il quddiem it-“Tielet Direttiva”):

“L-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tal-[Ewwel Direttiva] għandha tkopri danni personali u ħsara lill-proprjetà mġarrba minn dawk li jkunu mexjin, ċiklisti u dawk li jużaw it-triq mingħajr mutur li, bħala konsegwenza ta' inċident fejn vettura b'mutur tkun involuta, huma intitolati għal kumpens skond il-liġi ċivili nazzjonali. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju kemm għar-responsabbiltà ċivili kif ukoll għall-ammont ta' danni.”

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10, kif emendata.

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3, kif emendata.

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249, kif emendata.

6. L-ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi kienu sostantivament ikkodifikati fid-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà⁶, li rrevokathom. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103, intitolat "Assigurazzjoni obbligatorja għall-vetturi", jipprovdi:

"Kull Stat Membru għandu, soġġett għall-Artikolu 5, jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura [jiżgura] li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tiegħu tkun koperta minn assicurazzjoni.

Il-ħsara koperta u t-termini u l-kondizzjonijiet tal-kopertura għandhom ikunu determinati fuq il-bażi tal-miżuri msemmin fl-ewwel paragrafu.

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura [jiżgura] li l-kuntratt tal-assigurazzjoni jkopri wkoll:

- (a) skont il-liġi fis-seħħ fl-Istati Membri l-oħra, kull telf jew korriment ikkawżat fit-territorju ta' dawh l-Istati;
- (b) kull telf jew korriment soffert minn ċittadini ta' Stati Membri tul vjaġġ dirett bejn żewġ territorji li fihom it-Trattat ikun fis-seħħ, jekk ma jkun hemm l-ebda uffiċċju nazzjonali tal-assiguraturi responsabbli għat-territorju li jkun qed jinqasam; f'dak il-każ, it-telf jew korriment għandu jkun kopert skont il-liġijiet nazzjonali dwar l-assigurazzjoni obbligatorja fis-seħħ fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-vettura tkun normalment ibbażata.

L-assigurazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tkopri b'mod obbligatorju kemm il-ħsara lill-proprietà kif ukoll id-danni personali."

B – *Id-dritt Taljan*

7. L-Artikolu 139 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 209 tas-7 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi l-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata⁷ (iktar 'il quddiem "il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata"), intitolat "Dannu fiżiku kkawżat minn feriti ħfief", jipprovdi:

"(1) Il-kumpens għal dannu fiżiku fir-rigward ta' feriti ħfief minn inċidenti li jirriżultaw mill-użu ta' vetturi bil-mutur u ta' inġenji tal-baħar għandu jingħata skont il-kriterji u l-miżuri segwenti:

- (a) bħala kumpens għal dannu fiżiku permanenti, fir-rigward ta' korrimenti li jekwivalu għal 9% jew inqas, għandu jitħallas ammont illi jiżdied b'rata oġġla mir-rata proporzjonali għal kull punt perċentwali ta' diżabbiltà; dan l-ammont għandu jiġi kkalkolat billi tiġi applikata l-koeffiċjenti rilevanti għal kull punt perċentwali ta' diżabbiltà skont il-korrelazzjoni indikata fil-paragrafu 6. Mill-età ta' hdx-il sena 'il quddiem dan l-ammont jonqos bir-rata ta' 0.5% għal kull sena ta' avvanz fl-età. Il-valur tal-ewwel punt għandu jammonta għal EUR 674.78;
- (b) bħala kumpens għal kull dannu fiżiku li jkun ta' natura temporanja, għandu jitħallas ammont ta' EUR 39.37 għal kull jum li fih il-persuna ssofri minn diżabbiltà totali; fil-każ li d-diżabbiltà temporanja tkun inqas minn 100%, il-kumpens għandu jkun proporzjonali għall-perċentwali tad-diżabbiltà rrikonoxxuta għal kull ġurnata.

6 — ĠU L 263, 7.10.2009, p. 11

7 — GURI Nru. 239 tat-13 ta' Ottubru 2005, Supplimento Ordinario Nru. 163.

(2) Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, “dannu fiżiku” jfisser: il-korriment temporanju jew permanenti fiżiku jew mentali ta’ persuna, li jista’ jiġi vverifikat permezz ta’ evalwazzjoni forensika, u li jkollu impatt negattiv fuq l-attivitajiet tal-ħajja ta’ kuljum u fuq l-interazzjoni soċjali fil-ħajja tal-persuna li tkun korriet, irrispettivament mill-konsegwenzi fuq l-abbiltà ta’ dik il-persuna li tiġġenera dħul finanzjarju.

(3) Il-qorti tista’, wara li tkun saret evalwazzjoni ġusta u motivata tal-kundizzjoni fiżika u mentali tal-persuna li tkun korriet, iżżid l-ammont ta’ kumpens għal dannu fiżiku skont il-paragrafu 1 b’mhux iżjed minn għoxrin fil-mija.

(4) B’digriet tal-President tar-Repubblika ... għandha tiġi stabbilita skeda speċifika li tindika d-diversi forum ta’ indeboliment fiżiku jew mentali, li jvarjaw minn punt sa disa’ punti ta’ diżabbiltà.

(5) L-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu aġġornati kull sena permezz ta’ digriet..., b’mod proporzjonali għat-tibdil fl-indiċi nazzjonali tal-prezzijiet tal-konsumatur għall-familji tal-ħaddiema u l-impjegati kif stabbilit mill-ISTAT.

(6) Għall-iskopijiet tal-kalkolu tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1(a): għal perċentwali ta’ diżabbiltà 1, għandu japplika koeffiċjenti multiplikatur ta’ 1.0; għal perċentwali ta’ diżabbiltà 2, għandu japplika koeffiċjenti multiplikatur ta’ 1.1; għal perċentwali ta’ diżabbiltà 3, għandu japplika koeffiċjenti multiplikatur ta’ 1.2; għal perċentwali ta’ diżabbiltà 4, għandu japplika koeffiċjenti multiplikatur ta’ 1.3; għal perċentwali ta’ diżabbiltà 5, għandu japplika koeffiċjenti multiplikatur ta’ 1.5; għal perċentwali ta’ diżabbiltà 6, għandu japplika koeffiċjenti multiplikatur ta’ 1.7; għal perċentwali ta’ diżabbiltà 7, għandu japplika koeffiċjenti multiplikatur ta’ 1.9; għal perċentwali ta’ diżabbiltà 8, għandu japplika koeffiċjenti multiplikatur ta’ 2.1; għal perċentwali ta’ diżabbiltà 9, għandu japplika koeffiċjenti multiplikatur ta’ 2.3.”

II – Il-fatti, il-proċeduri u d-domanda magħmula

8. Ir-rikorrent fil-proċeduri ewlenin, Enrico Pettillo, kien vittma ta’ inċident tat-traffiku li seħħ fil-21 ta’ Settembru 2007. Huwa fetaħ kawża quddiem it-Tribunale di Tivoli (il-Qorti Distrettwali ta’ Tivoli) sabiex jikseb il-kumpens mingħand Unipol Assicurazioni S.p.a. (iktar il-quddiem “Unipol”) fir-rigward tad-dannu materjali u dak mhux materjali, li deherlu li kien soffra b’dan l-inċident. B’mod partikolari Pettillo talab mingħand Unipol l-ammont ta’ EUR 14 155 għad-dannu mhux materjali, iżda Unipol, abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata, ħallsitu biss EUR 2 700 bħala kumpens għal dak it-tip ta’ dannu.

9. Minħabba li kellha d-dubbi dwar il-kompatibilità tal-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata mad-dritt tal-UE, it-Tribunale di Tivoli ddeċidiet illi tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari segwenti:

“Fid-dawl tad-Direttivi 72/166/KEE, 84/5/KEE, 90/232/KEE u 2009/103/KE li jirregolaw l-assigurazzjoni obbligatorja fir-rigward tar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta’ vetturi bil-mutur, huwa permess li l-leġiżlazzjoni interna ta’ Stat Membru tipprovdi – permezz tal-kwantifikazzjoni obbligatorja *ex lege* tas-sempliċi danni li jirriżultaw minn inċidenti tat-traffiku – limitazzjoni *de facto* (f’termini ta’ kwantifikazzjoni) tar-responsabbiltà għal danni mhux materjali li għandhom jiġġallu mill-persuni (kumpanniji ta’ assicurazzjoni) obbligati, skont l-istess direttivi, sabiex tiġi ggarantita l-assigurazzjoni obbligatorja għal danni kkawżati mill-użu tal-vetturi?”

10. Fil-kawża preżenti ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Unipol, mill-Gvernijiet tal-Italja, tal-Ġermanja, tal-Greċja, ta’ Spanja, tal-Latvja u tal-Litwanja, u mill-Kummissjoni.

11. Fid-29 ta' April 2013, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet lill-qorti tar-rinviju tagħmel xi kjarifiki fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata, u fl-istess waqt talbet lill-partijiet parteċipanti fis-seduta jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar ir-risposta tal-qorti tar-rinviju.

12. It-Tribunale di Tivoli rrisponda għal din it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Mejju 2013. Unipol, il-Gvernijiet tal-Italja, tal-Ġermanja, tal-Greċja, ta' Spanja u tal-Latvja, kif ukoll il-Kummissjoni, ippreżentaw is-sottomissjonijiet orali tagħhom fit-3 ta' Lulju 2013.

III – Analiżi

A – Ammissibbiltà

13. Unipol u l-Gvern tal-Italja jikkontendu illi d-domanda magħmula hija inammissibbli minħabba li t-Tribunale di Tivoli ma ta ebda raġuni għalfejn hemm bżonn ta' risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja biex hi tkun tista' tiegħu deċiżjoni. Barra dan, Unipol tikkontendi li d-domanda hija inammissibbli wkoll minħabba li, fil-fehma tagħha, ma jeżisti ebda dubju dwar il-kompatibilità tal-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata mad-dritt tal-UE.

14. F'dan ir-rigward jien nixtieq infakkar illi fi proċeduri għal deċiżjoni preliminari, id-domandi magħmula jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Minħabba l-ispiritu ta' kooperazzjoni għodizzjarja li fuqha huwa bbażat l-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrifjuta li tirrispondi dawn id-domandi f'ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi biss: fejn ikun ċar biżżejjed illi l-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE li tkun trid tinkiseb tkun kompletament irrelatata mal-fatti tal-proċeduri ewlenin jew mal-għan tagħha; meta l-problema tkun ipotetika; jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex quddiemha l-materjal fattwali jew ġuridiku neċessarju sabiex tkun tista' tagħti risposta utli fir-rigward tad-domandi magħmula⁸.

15. Ma jidhirlix illi, fil-kawża preżenti, l-interpretazzjoni mitluba hija kompletament irrelatata mal-fatti proprji tal-kawża prinċipali jew mal-għan tagħha. Għall-kuntrarju ta' dan, fl-ordni tar-rinviju tagħha, il-qorti tar-rinviju tindika l-motivi li fuqhom qiegħda tqajjem il-kwistjoni dwar il-kompatibilità tal-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE, u għalhekk jidhrilha li huwa neċessarju li tagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja għal domanda preliminari.

16. Barra dan, f'dak li jirrigwarda l-argument imressaq minn Unipol fejn jallega li ma jeżisti ebda dubju, huwa biżżejjed illi wieħed jiġbed l-attenzjoni għall-fatt illi skont l-Artikolu 267 TFUE, il-qorti nazzjonali għandhom l-iżjed marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa meta jkunu qegħdin jirrinvijaw ċerti kwistjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk huma jkun jidhrilhom li l-kawża quddiemhom tqajjem xi dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dispożizzjonijiet tal-UE, u li jkunu jeħtieġu deċiżjoni f'dan ir-rigward. L-Artikolu 267 TFUE jagħti s-setgħa lill-qorti nazzjonali – u fejn ikun xieraq anki jobbligahom – jagħmlu domanda jew domandi preliminari; dan huwa possibbli ukoll meta l-qorti nazzjonali *sua sponte* jkun jidhrilha illi s-sustanza tat-tilwima tqajjem kwistjoni ta' interpretazzjoni, jew ta' xi inċertezza f'dak li jirrigwarda l-validità tad-dritt tal-UE⁹. Il-fatt illi waħda mill-partijiet fil-proċeduri ewlenin, f'dan il-każ Unipol, ma għandha ebda dubju dwar il-kompatibilità tad-dritt nazzjonali rilevanti, ma għandu ebda effett fuq l-ammissibilità ta' talba għal domanda preliminari.

8 — Ara, *inter alia*, is-sentenza C-119/05, Lucchini, Ġabra p. I-6199, punti 43 u 44 u l-ġurisprudenza ċċitata, u s-sentenza mogħtija fil-Kawżi magħquda C-509/09 u C-161/10, eDate Advertising u Martinez, Ġabra, p. I-10269, punti 32 u 33 u l-ġurisprudenza ċċitata.

9 — Ara, pereżempju, is-sentenza C-261/95, Palmisani, Ġabra 1997, p. I-4025, punt 20, u sentenza mogħtija fil-Kawżi Magħquda C-290/05 u C-333/05, Nádasdi u Németh, Ġabra 2006, p. I-10115, punt 32).

B – *Kwistjonijiet sostantivi*

17. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qed titlob li tiġi ggwidata dwar jekk regola nazzjonali bħalma hija l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata hijiex kompatibbli mal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi, u mad-Direttiva 2009/103.

18. Nixtieq nagħmel osservazzjoni preliminari billi ngħid illi – kif diġà kkontendew bosta partijiet li ssottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom lill-Qorti tal-Ġustizzja – id-Direttiva 2009/103 ma hijiex applikabbli *ratione temporis* għall-fatti tal-proċeduri ewlenin. Fil-fatt, l-inċident li spiċċa biex wassal għall-proċeduri ewlenin seħħ fl-2007. Fi kwalunkwe każ, kif ser nispjega iżjed tard, id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/103 ma ġabx miegħu xi tibdil rilevanti lill-qafas ġuridiku tal-UE applikabbli fil-kawża preżenti.

19. Minkejja dan, jidhirli li qabel ma neżamina fid-dettall is-sustanza tal-kwistjonijiet ġuridiċi li jirriżultaw mil-proċeduri preżenti, ikun importanti illi nqiegħed dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest ġuridiku u fattwali li suppost. Biex nagħmel dan jien l-ewwel ser nippreżenta fil-qosor ir-raġunijiet li għalihom il-qorti tar-rinviju għandha d-dubbi dwar il-kompatibilità tal-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata mad-dritt tal-UE. Wara dan jien ser nagħti deskrizzjoni qasira tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jirrigwarda l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi.

1. Id-dubbi tal-qorti tar-rinviju

20. It-Tribunale di Tivoli jispjega illi, bis-saħħa tal-Artikolu 2043 u 2059 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, skont l-ordinament ġuridiku Taljan fil-prinċipju, fejn ikun hemm ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali, għandu jingħata kumpens kemm għad-dannu materjali kif ukoll għal dak mhux materjali. Il-Corte costituzionale u s-Suprema Corte di Cassazione konsistentement enfasizzaw illi l-kunċett unitarju ta' "dannu mhux materjali" ikopri "id-dannu kollu li jseħħ b'riżultat tal-indeboliment ta' aspetti intrinśiċi tal-personalità¹⁰⁰". Madankollu, skont il-qorti tar-rinviju, il-qrati Taljani, fil-prassi tas-soltu tagħhom, normalment iqisu d-dannu mhux materjali bħala wieħed li jkopri diversi tipi ta' danni sekondarji (i) "dannu fiżiku" ("*danno biologico*", li jfisser korriment fiżiku jew mentali); (ii) "dannu psikoloġiku" ("*danno morale*", li jfisser sofferenza mentali kkawżata mill-korriment); u (iii) "dannu residwu" (li spiss jiġi msejjaħ "*danno esistenziale*", kategorija li tkopri d-dannu li ġeneralment jikkonsisti fl-indeboliment tal-abilità tal-individwu li jgawdi d-drittijiet kollha normalment disponibbli f'soċjetà libera). Din il-kategorizzazzjoni tintuża, flimkien ma fatturi oħra, biex tiddetermina l-ammont xieraq ta' kumpens li għandu jitħallas lill-parti offiża. B'mod ġenerali, il-qrati nazzjonali aditi b'kawża ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali ma humiex marbuta b'xi parametri statutorji meta jiġu biex jiddeċiedu l-ammont ta' kumpens pagabbli għad-dannu mhux materjali.

21. Madankollu, ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali illi tirriżulta mill-inċidenti tat-traffiku hija rregolata mill-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata, illi tikkostitwixxi *lex specialis* fil-konfront tal-Kodiċi Ċivili. B'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda d-dannu mhux materjali fil-każ ta' inċidenti tat-traffiku li jirriżultaw f'korrimenti fiżiċi ħfief, l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata jistabilixxi l-parametri illi għandhom jiġu osservati mill-qrati nazzjonali meta jkunu qiegħdin jikkwantifikaw il-kumpens għal dannu fiżiku pagabbli mill-assigurat tar-responsabbiltà ċivili.

22. Il-qorti tar-rinviju għandha d-dubbi dwar jekk l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata huwiex kompatibbli mal-obbligu illi jiġi kkompensat xi telf jew korriment, kif stabbilit fl-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi. Skont din il-qorti, l-Artikolu 139 fil-fatt jimponi tliet limitazzjonijiet importanti fuq is-setgħa tal-qorti nazzjonali li tagħti l-kumpens xieraq għad-dannu kkawżat fil-kuntest

10 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Corte Costituzionale fil-Kawża 233/2003 (GURI 16/07/2003) u s-sentenzi tal-Corte di Cassazione Nri. 8827 u 8828.

ta' inċidenti tat-traffiku li jirriżultaw f'korrimenti fiżiċi ħfief. L-ewwel nett, b'kuntrast ma' każijiet oħra ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, il-qorti nazzjonali huma obbligati josservaw parametri speċifiċi meta jkunu qegħdin jikkalkolaw il-kumpens għal "dannu fiżiku". It-tieni nett dan il-kumpens jista' jiġi addattat għaċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ sa ċertu punt biss¹¹. It-tielet nett, ma jidhirx illi l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata jippermetti l-għoti ta' kumpens għal "dannu psikoloġiku" subit mill-parti offiża (għalkemm il-qorti nazzjonali tispjega illi l-approċċ tagħha fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni ma huwiex adottat mill-qorti Taljani kollha).

2. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

23. Id-dispożizzjonijiet tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi illi huma rilevanti għall-kawża preżenti diġà ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja f'numru ta' sentenzi.

24. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat illi l-iskopijiet komuni tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi, huma l-ewwel nett li jiżguraw il-moviment liberu ta' vetturi normalment ibbażati għewwa t-territorju tal-UE u ta' daww il-persuni li jkunu qegħdin jivvjaġġaw f'dawn il-vetturi, u t-tieni nett, li jiggarrantixxu li l-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn dawn il-vetturi jingħataw trattament simili irrispettivament mill-lok fl-Unjoni Ewropea fejn ikun seħħ l-incident¹². Madankollu, dawn id-direttivi, ma għandhomx l-għan li jarmonizzaw ir-regoli tal-Istati Membri li jirregolaw ir-responsabbiltà ċivili, u skont id-dritt kurrenti tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom il-libertà illi jiddeterminaw ir-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili applikabbli fir-rigward tal-inċidenti tat-traffiku¹³.

25. Abbażi ta' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn l-obbligu li tiġi pprovduta l-assigurazzjoni għarr-responsabbiltà ċivili għad-dannu kkawżat mill-vetturi bil-mutur, illi huwa ddefenit u ggaranti mid-dritt tal-UE, u l-ammont ta' kumpens illi jingħata lill-vittmi abbażi tar-responsabbiltà ċivili tal-persuna assicurata, kwistjoni illi hija essenzjalment irregolata mid-dritt nazzjonali¹⁴.

26. F'dak illi jirrigwarda l-obbligu li tiġi pprovduta l-assigurazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat illi l-Istati Membri "huma marbuta jiggarrantixxu li r-responsabbiltà ċivili applikabbli skont id-dritt nazzjonali tagħhom ikun kopert minn assicurazzjoni konformi mad-dispożizzjonijiet tat-tliet direttivi msemmija iktar 'il fuq"¹⁵. B'mod partikolari, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, kif elaborat u ssupplimentat mit-Tieni u mit-Tielet Direttivi, jispeċifika, *inter alia*, "it-tipi ta' danni u t-terzi li jkunu sfaw vittmi li għandha tkopri din l-assigurazzjoni"¹⁶.

27. F'dak li jirrigwarda kwistjonijiet illi huma, fil-piċċipju, irregolati mil-leġislazzjoni nazzjonali dwar ir-responsabbiltà ċivili, il-Qorti tal-Ġustizzja xorta waħda għamlitha ċara illi l-Istati Membri "għandhom jeżerċitaw din il-kompetenza filwaqt li josservaw id-dritt tal-Unjoni". F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat illi "[i]d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw il-kumpens għall-inċidenti li jirriżultaw mill-użu ta' vetturi ma jistgħux iċaħħdu lill-ewwel, it-tieni u t-tielet direttivi mill-effettività tagħhom"¹⁷.

11 — Ara l-Artikolu 139(3) tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata.

12 — Ara, fost bosta, is-sentenzi C-409/09, Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio, Ġabra Ġabra 2011, p. I-4955, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata, u C-442/10 Churchill Insurance Company Limited u Evans, Ġabra p. 12639, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata.

13 — Ara, fost oħrajn, is-sentenzi C-484/09, Carvalho Ferreira Santos, Ġabra p.I-1821, p. I-1821, punt 32 u C-300/10, punt 29).

14 — Ara s-sentenzi Marques Almeida, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ-il paġna 13, punt 28; Carvalho Ferreira Santos, punt 31; u Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ-il paġna 12, punt 25.

15 — Sentenzi C-349/98, Mendes Ferreira u Delgado Correia Ferreira Ġabra 2000, p. I-6711, punt 29 u C-356/05, Farrell, Ġabra 2007, p. I-3067, punt 33).

16 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Churchill Insurance Company Limited u Evans, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ-il paġna 12, punt 28, u Marques Almeida, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ-il paġna 13, punt 27.

17 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Marques Almeida, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ-il paġna 13, punt 31, u Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ-il paġna 12, punt 28.

28. Il-Qorti tal-Ġustizzja applikat dawn il-prinċipji f'kawżi li kienu jirrigwardaw regoli nazzjonali li jipprekludu jew jillimitaw il-kumpens meta l-vittma tal-inċident ikollha sehem fit-telf jew fil-korriment tagħha. F'Ambrósio Lavrador, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat illi l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi jiġu pprivati mill-effikaċja tagħhom jekk il-“leġiżlazzjoni nazzjonali, definita fuq il-bażi ta' kriterji ġenerali u astratti, jew iċċaħħad lill-vittma d-dritt li tiġi kkompensata mill-assigurazzjoni obbligatorja għal responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu tal-vetturi b'mutur, jew tillimita tali dritt b'mod sproporzjonat¹⁸”. B'mod simili, fis-sentenza Candoli *et*, u fis-sentenza Farrell, il-Qorti tal-Ġustizzja kkritikat bħala inkompatibbli ma' dawn id-direttivi, dawk ir-regoli nazzjonali li jippermettu rifjut jew restrizzjoni sproporzjonati tal-kumpens offrut lil passiġġier permezz tal-assigurazzjoni obbligatorja għarr-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur¹⁹.

29. Fid-dawl ta' dan l-isfond, issa ser indur għad-domanda magħmula mill-qorti nazzjonali.

3. Kunsiderazzjoni tad-domanda magħmula

30. Kif spjegat iżjed 'il fuq, jidher li l-qorti tar-rinviju hi tal-fehma li l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata ma jistax ikun kompatibbli mal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi. Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-fehma sa ċertu punt.

31. Għall-kuntrarju ta' dan, Unipol u l-gvernijiet kollha li ssottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom fil-kawża preżenti jidhrilhom illi dispożizzjoni bħalma hija l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata hija kompatibbli mad-dritt tal-UE. Fl-opinjoni tagħhom, din id-dispożizzjoni sempliċiment tirregola l-punt sa fejn għandu jingħata l-kumpens lill-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku, kwistjoni li hija rregolata mil-liġijiet nazzjonali.

32. Jidhirli illi sabiex tkun tista' tingħata risposta għad-domanda magħmula, hemm bżonn li ssir analiżi f'żewġ stadji.

33. L-ewwel nett għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata huwiex kompatibbli mal-obbligu li tingħata assicurazzjoni skont l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, kif issupplimentata permezz tat-Tieni u t-Tielet Direttivi. Anki jekk dan ikun il-każ, xorta għandu jiġi ddeterminat, fit-tieni lok, jekk l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata għandux l-effett illi jirrendi ineffikaċi l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi, billi jċaħħad lill-vittmi mid-dritt li jiġu kkompensati jew billi jillimita dan id-dritt b'mod sproporzjonat.

34. Fil-punti segwenti ser nuri għaliex, bi qbil ma' Unipol u l-gvernijiet li ssottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom fil-kawża preżenti, jidhirli illi dispożizzjoni bħall-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata hija kompatibbli mal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi.

a) L-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata huwa kompatibbli mal-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva?

35. Kif semmejt iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement ikkunsidrat illi l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi jeżiġu li l-Istati Membri jiżguraw li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur normalment ibbażati fit-territorju tkun koperta minn assicurazzjoni, u illi jispeċifikaw, *inter alia*, it-tipi ta' dannu li għandhom jiġu koperti minn dik l-assigurazzjoni.

18 — Is-sentenza Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ-il paġna 12, punt 29.

19 — Ara s-sentenzi Candolin *et*, C-537/03, Ġabra p. I-5745, punti 29, 30 u 35, u Farrell, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ-il paġna 15, punt 35.

36. Għaldaqstant, jien nista' nipprevedi żewġ modi li bihom dispożizzjoni bħall-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata tista' tmur kontra dan il-prinċipju. L-ewwel nett fil-każ illi din teskludi mill-assigurazzjoni obligatorja, xi tip ta' dannu illi, skont dawn id-direttivi, għandu jiġi kopert. It-tieni nett, fil-każ illi din tippermetti xi possibbiltà astratta illi wieħed jikseb kumpens għal dan it-tip ta' dannu, filwaqt li fl-istess ħin tirrestrinġi din il-possibbiltà għall-kumpens mingħand is-sewwieq (jew sid il-karozza), u b'hekk tkun qiegħda kompletament jew parzjalment teskludi l-kumpens mingħand l-assicuratur.

i) Esklużjoni ta' ċerti tipi ta' dannu mill-assigurazzjoni

37. Dwar l-ewwel punt jidhirli li d-dannu mhux materjali għandu jkun fost it-tipi ta' dannu u korriment illi għandhom jiġu koperti mill-assigurazzjoni obligatorja. Konsegwentement, Stat Membru ma huwiex intitolat illi jeskludi *in toto* mill-assigurazzjoni, kull kumpens għad-dannu mhux materjali subit mill-vittmi ta' inċident tat-traffiku.

38. Meta ngħid dannu "mhux materjali" jien inkun qiegħed ġeneralment nirreferi għal telf li ma għandux x'jaqsam mal-beni, l-għana, jew id-dħul ta' individwu, u għaldaqstant, dan ma jistax jiġi kkwantifikat b'mod oġġettiv permezz ta' riferenza għal xi prezz jew valur tas-suq²⁰.

39. Mill-bidu nett, nixtieq nenfasizza illi jidher li huwa prinċipju kważi universalment aċċettat illi d-dannu li jista' jsofri individwu b'riżultat ta' xi att kontra l-liġi daparti ta' individwu ieħor, u illi għandu jiġi kkompensat, jista' fil-prinċipju wkoll jinkludi dannu li jinvolvi iżjed mis-sempliċi telf finanzjarju.

40. Sa fejn jidhirli, dan il-prinċipju jeżisti fil-biċċa l-kbira tas-sistemi ġuridiċi fl-Istati Membri, anki jekk jeżistu varjazzjonijiet kbar fir-rigward tat-terminoloġija użata biex jirreferu għal dan il-kunċett u l-iskop preċiż tiegħu, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti, u l-ammont tal-kumpens dovut²¹. Barra dan, hija ġurisprudenza stabbilita illi, fi ħdan l-ordni ġuridiku tal-UE, id-dannu li għandu jiġi kkompensat mill-Unjoni Ewropea f'każijiet ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, jinkludi d-dannu *mhux materjali*²². Kunċett wiesa' ħafna fir-rigward tad-dannu jew tal-korriment illi għandu jiġi kkompensat fil-każ ta' atti illegali, u li jkopri d-dannu mhux materjali, huwa ukoll ġeneralment aċċettat fid-dritt pubbliku internazzjonali²³.

41. Wara kollox, l-oriġini ta' dan il-prinċipju, għall-anqas fir-rigward tal-kumpens għad-dannu personali, tista' tinsab anki fl-iżjed testi ġuridiċi antiki skoperti. Pereżempju, il-famuż Codex ta' Hammurabi (iktar 'il quddiem imsejjaħ il-"Codex"), il-kodiċi tad-dritt Babilonjan li jmur lura sa bejn wieħed u ieħor l-1772 QK, kellu fih bosta dispożizzjonijiet dwar il-kumpens li għandu jingħata fil-każ ta' dannu personali. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew maħsuba biex jippenalizzaw il-persuna li tkun ikkaġunat il-korriment, filwaqt li fl-istess ħin jipprovdu l-kumpens lill-vittma jew lill-familja

20 — Ara Horton Rogers, W. V. (ed.), *Damages for Non-Pecuniary Loss in a Comparative Perspective*, European Centre of Tort and Insurance Law, Springer Verlag, Wien New York: 2001, p. 246.

21 — Għal deskrizzjoni fil-qosor tajba: Horton Rogers, W. V., op. cit., u Bona, M., u Mead, P., *Personal Injury Compensation in Europe*, Kluwer Law, Deventer: 2003.

22 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2008, *Gordon vs Il-Kummissjoni*, C-198/07 P, Ġabra p. I-10701, punti 19 u 60; tas-13 ta' Settembru 1928, *Serje. A – Nru. 17*), ġie ppreċiżat illi: "Il-prinċipju fundamentali tal-kunċett proprju ta' att illegali - prinċipju illi jidher li huwa stabbilit fil-prassi internazzjonali ... - huwa illi r-riparazzjoni għandha, sa fejn hu possibbli, tikkanċella l-konsegwenzi kollha tal-att illegali u tistabbilixxi mill-ġdid dik is-sitwazzjoni illi probabbilment kienet tkun teżisti illi kieku l-att ma ġiex kommiss. Ir-restituzzjoni *in natura*, jew jekk dan ma huwiex possibbli, il-ħlas ta' somma li tikkorrispondi għall-valur tar-restituzzjoni *in natura*; ir-riżarċiment, jekk ikun hemm b'żonn, tad-danni għat-telf subit li ma jkunx kopert mir-restituzzjoni *in natura* jew minn xi pagament illi jista' jsir flokha – dawn huma l-prinċipji illi għandhom iservu biex jiddeterminaw l-ammont ta' kumpens dovut għal kull att illi jmur kontra d-dritt internazzjonali". B'mod iżjed riċenti, l-Artikolu 31(2) tad-Draft Articles on Responsibility of States for Internationally Wrongful Acts jipprovdi illi r-riparazzjoni għall-korriment ikkaġunat għandu jkopri "kull dannu, kemm jekk materjali kif ukoll jekk morali, ikkawżat minn att internazzjonali illegali ta' Stat". [Traduzzjoni mhux uffċjali]

tiegħu²⁴. Id-dritt Ruman antik segwa prinċipji simili. Għalhekk, il-Liġi tat-Tnax-il Tavla, li tmur lura sa bejn l-451 u l-449 QK, irregola diversi tipi ta' kumpens għad-dannu personali li kellhom jitħallsu lill-vittmi ta' dawn il-korrimenti. Il-*Lex Aquilia de Damno*, li huwa iżjed riċenti u li jmur lura sal-286 QK, kompli jirfina dawn il-prinċipji. B'mod importanti, il-proċeduri legali mibdija mill-persuna offiża kontra l-persuna responsabbli għall-korriment, kienu bbażati fuq sentiment ta' offiża kbira, u mhux fuq telf finanzjarju, u għalhekk il-kumpens riżultanti kien pagabbli mhux biss fir-rigward tal-ispejjeż finanzjarji, iżda anki fir-rigward tal-uġiġħ u s-sofferenza tal-moħħ u tal-ġisem²⁵.

42. Għall-iskopijiet tal-kawża preżenti ma huwiex neċessarju illi nkomplu nesploraw l-oriġni storika tad-drittijiet ċivili tal-lum dwar ir-responsabbiltà. Dak li qiegħed nipprova nenfasizza huwa illi mill-bidu nett taċ-ċivilizzazzjoni tagħna inżammet l-idea illi d-delitti jistgħu jagħtu lok għal dannu li jrid jiġi kkompensat u illi jinvolvi iżjed mis-sempliċi għana jew telf finanzjarju. Dan kien partikolarment minnu meta d-dannu kien jinvolvi sofferenza fiżika jew psikoloġika.

43. Il-prinċipju tal-kumpens għad-danni mhux materjali evolva maż-żmien u llum il-ġurnata sar aċċettat b'mod wiesa' u ta' importanża kbira. L-idea illi persuna li tkun vittma tal-aġir illegali ta' persuna oħra għandha d-dritt tiġi kkompensata għad-dannu kollu li tkun soffriet, irrispettivament mill-fatt dwar jekk l-interessi li tkun saritilhom il-ħsara jkollhomx dimensjoni materjali jew mhux materjali, u irrispettivament mill-fatt dwar jekk huwiex possibbli jew le illi jiġi stabbilit valur ekonomiku fir-rigward tagħhom, hija stabbilita sew fis-soċjetà tal-lum.

44. Il-prassi kurrenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-“QEDB”) hi eżemplari f'dan ir-rigward. Il-QEDB normalment tagħti l-kumpens kemm fir-rigward tad-dannu “finanzjarju” kif ukoll fir-rigward tad-dannu “mhux finanzjarju” subit mir-rikorrenti b'riżultat tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Dan tagħmlu, b'mod partikolari, abbażi tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem²⁶, u spiss, id-dannu mhux materjali jkun iżjed kunsiderevoli mid-dannu finanzjarju²⁷.

45. Għalhekk tkun ħaġa stramba illi kieku l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi kellhom jikkontemplaw xi ċirkustanzi li fihom l-Istati Membri jkollhom il-libertà li jeskludu mill-assigurazzjoni xi tip ta' dannu illi huwa rrikonoxxut bħala wieħed li jistħoqqlu l-ħarsien Prattikament fis-sistemi legali kurrenti kollha, kemm fil-livell nazzjonali u dak sovrannazzjonali, kif ukoll skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali.

46. Jidhirli illi kif inhuma l-affarijiet, il-kliem użat f'dawn l-istrumenti huwa wiesa' biżżejjed biex ikopri anki d-dannu mhux materjali. L-Artikolu 3(2) tal-Ewwel Direttiva jipprovdi illi l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw illi l-kuntratt tal-assigurazzjoni jkopri wkoll “kull telf jew inġurja [korriment]”²⁸. Bl-istess mod, l-Artikolu 1 tat-Tieni Direttiva jipprovdi illi l-assigurazzjoni msemija fl-Artikolu 3(2) tal-Ewwel Direttiva “għandha tkopri b'obbligu kemm il-ħsara lil proprjetà u kemm id-dannu personali”. Tintuża wkoll terminoloġija simili fl-Artikolu 1a tat-Tielet Direttiva.

24 — Huwa interessanti illi fil-Codex kienu jinsabu wkoll dispożizzjonijiet illi kienu jirrigwardaw l-inċidenti tat-traffiku, bħal pereżempju s-Sezzjoni 251 li skontha sid il-frat illi jikkaġunaw il-mewt ta' persuna libera fit-triq kien obligat iħallas nofs mina fidda jekk kien konxju tan-natura selvaggia tal-ifrat iżda ma jkunx ħa l-passi biex jorbot lill-dawn l-ifrat jew iqassrilhom il-grun. Ara Magnus, U., “Compensation for Personal Injuries in a Comparative Perspective”, 39 (2000) *Washburn Law Journal*, pp. 347 sa 362, p. 348.

25 — O'Connell, J. and Carpenter, K, 'Payment for pain and suffering through history', (1983) *Insurance Counsel Journal*, pp. 411 sa 417, p. 411.

26 — Din id-dispożizzjoni, intitolata “Just satisfaction” [sodisfazzjon ġust], tipprovdi: “Jekk il-Qorti ssib illi sar ksur tal-Konvenzjoni u l-Protokoll tagħha, u jekk id-dritt nazzjonali tal-Parti Kontraenti Għolja kkonċernata jippermetti biss riparazzjoni parzjali, il-Qorti għandha, jekk ikun neċessarju, tagħti kumpens ġust lill-parti offiża” [Taduzzjoni mhux uffiċjali]

27 — Ara, pereżempju, *McMichael vs Ir-Renju Unit*, Serje A, 24 ta' Frar 1995, Nru.307-B, (1995) 20 E.H.R.R. 205, u *Riccardi Pizzati vs L-Italja*, [GC], Nru. 62361/00, 29 ta' Marzu 2006.

28 — Ara wkoll il-definizzjoni ta' “parti inġurjata” [persuna li tbat i-dannu] fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Direttiva.

47. Fil-fehma tiegħi l-effett tal-aġġettiv “kull” li jikkwalifika n-nomi “telf jew inġurja [korrimment]” fl-Artikolu 3(2) tal-Ewwel Direttiva fil-verżjoni tiegħu bl-Ingliż huwa li daww il-kunċetti għandhom jiġu interpretati b’mod wiesa’. Anki jekk l-aġġettiv “any” ma huwiex riprodott f’verżjonijiet lingwistiċi oħra tal-istess dispożizzjoni, daww jidhru li huma redatti b’mod pjuttost ġenerali.

48. Barra dan, il-kliem “dannu personali” fl-Artikolu 1 tat-Tieni Direttiva u fl-Artikolu 1a tat-Tielet Direttiva inevitabbilmement jirrigwarda kemm l-integrità fiżika kif ukoll dik psikoloġika tal-vittmi²⁹. Kull indeboliment ta’ din l-integrità għandha tiġi kkompensata indipendentement minn xi riperkussjonijiet finanzjarji negattivi li l-vittmi jistgħu jesperjenzaw b’riżultat tal-inċident. Kif josserva l-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Haasová u Drozdovs, jidher illi meta jiġu pparagunati d-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta’ dawn id-dispożizzjonijiet, u b’mod partikolari tax-xogħol preparatorju tat-Tieni Direttiva, jirriżulta illi din l-interpretazzjoni għandha iżjed sahha³⁰.

49. F’dan il-kuntest, nixtieq ukoll niġbed l-attenzjoni għall-fatt illi kull meta ġiet mitluba tinterpretata kunċetti simili msemmija fi strumenti leġislattivi oħra tal-UE jew f’xi konvenzjonijiet internazzjonali li tkun firmatarja tagħhom l-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement interpretat dawn il-kunċetti fis-sens illi jkopru wkoll id-dannu mhux materjali³¹.

50. Fis-sentenza Leitner, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kelma “dannu” fl-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill tat-13 ta’ Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox komprij (package travel), il-vaganzi kollox komprij u t-tours kollox komprij³² fis-sens illi testendi għad-dannu mhux materjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja qagħdet kemm fuq interpretazzjoni testwali ta’ dik id-dispożizzjoni, kif ukoll fuq interpretazzjoni teleoloġika tad-direttiva³³. Fis-sentenza Walz³⁴, il-qorti tar-rinviju talbet kjarifika dwar jekk il-kelma “dannu” li fuqha huwa bbażat l-Artikolu 22(2) tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta’ Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (iktar ‘il quddiem imsejħa il-“konvenzjoni ta’ Montreal”³⁵), liema konvenzjoni tistabbilixxi l-limitu tar-responsabbiltà ta’ trasportatur bl-ajru għad-dannu illi jirriżulta, *inter alia*, mit-telf ta’ baġalji, kellhiex tiġi interpretata fis-sens illi tkopri kemm id-dannu materjali kif ukoll dak mhux materjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kunċett ta’ dannu fid-dawl tar-regoli tad-dritt internazzjonali ġenerali u rrispondiet għad-domanda fl-affermattiv³⁶. Fis-sentenza Sousa Rodríguez *et*³⁷, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-istess konklużjoni meta kienet qiegħda tinterpretata l-kunċett ta’ “kumpens ulterjuri” fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004³⁸ (“Regolament dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri bl-Ajru”). Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat illi l-frażi “kumpens ulterjuri” kellha tiġi interpretata b’tali mod illi tippermetti lill-qradi nazzjonali jagħtu kumpens għad-dannu li jinkludi d-dannu mhux materjali³⁹.

29 — Ara, f’dan is-sens, il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-Kawża Leitner, Ġabra 2002, p. I-2631, punt 30).

30 — Il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża C-22/12, Haasová u C-277/12, Drozdovs, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, punti 73 u 89 sa 91.

31 — Huwa veru illi dawn il-kawżi kienu jirrigwardaw strumenti legali li ma humiex kompletament paragonabbli mal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi, f’dak li jirrigwarda l-fatt illi l-ammont tal-kumpens għad-dannu morali potenzjalment involut taħt dawn l-istrumenti huwa ġeneralment iktar baxx minn dak illi jista’ jiġi pretiż fil-kuntest tal-inċidenti tat-traffiku. Madankollu, jeżisti element komuni f’dawn id-deċiżjonijiet kollha fis-sens illi l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-prinċipju illi d-dannu morali huwa kopert mill-kunċett ta’ “danni”. Ġie sostnut illi r-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja f’dawn id-deċiżjonijiet jista’, *mutatis mutandis*, ikun rilevanti wkoll fil-kuntest tal-kawża preżenti.

32 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 132

33 — Is-sentenza Leitner, punti 19 sa 24.

34 — C-63/09, Ġabra 2010, p. I-4239.

35 — Iffirmata minn dik illi preċedentement kienet il-Komunità Ewropea fid-9 ta’ Diċembru 1999, u approvata b’deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta’ April 2001 dwar il-konklużjoni tal-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta’ Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta’ Montreal) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 491).

36 — Is-sentenza Walz, punti 17 sa 39.

37 — Sentenza C-83/10, Ġabra p. I-9469.

38 — Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta’ Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta’ kanċellazzjoni jew dewmien twil ta’ titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

39 — Is-sentenza Sousa Rodríguez *et*, punti 36 sa 46.

51. Huwa veru illi fis-sentenza Veedfald⁴⁰ il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet illi l-obbligu tal-produtturi li jikkompensaw lill-vittmi għad-dannu kkawżat minn prodotti difettużi, skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/3784/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi⁴¹, ma kienx jestendi għad-dannu mhux materjali, "li r-riparazzjoni tiegħu huwa rregolat biss mid-dritt nazzjonali"⁴². Madankollu, għall-kuntrarju tal-kawżi preċedement eżaminati, u għall-kuntrarju tal-istrumenti ġuridiċi inkwistjoni, id-Direttiva 85/374 tistabbilixxi regola espliċita dwar id-dannu mhux materjali. Fil-fatt, meta jiddefinixxi l-kunċett ta' "dannu" għall-iskopijiet ta' dik id-direttiva, l-Artikolu 9 ta' din id-direttiva jipprovdi: "[d]an l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali rigward ħsara mhux materjali".

52. Għalhekk jidherli illi kemm it-test tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi kif ukoll dak tad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja jiffavorixxu interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "dannu". Barra dan jeżistu tliet kunsiderazzjonijiet oħra illi, kif nifhimha jien, ikomplu jsostnu din il-konklużjoni.

53. L-ewwel nett, skont il-ħames premessa fil-preambolu tat-Tieni Direttiva, u r-raba' premessa fil-preambolu tat-Tielet Direttiva, wieħed mill-għanijiet tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi hu li jiggarrantixxi illi l-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn vetturi bil-mutur jingħataw "kumpens adegwat" u "trattament komparabbli", irrispettivament mil-lok fl-Unjoni Ewropea fejn ikun seħħ l-incident⁴³. Li kieku l-Istati Membri kellhom jitħallew jeskludu mill-assigurazzjoni tip ta' dannu importanti bħal dan, it-trattament tal-vittmi tal-inċidenti tat-traffiku f'kull parti tal-Ewropa ma jistax jiġi kkunsidrat "komparabbli", u l-kumpens ma jkunx dejjem "adegwat". It-tip u l-ammont tal-kumpens mogħti jkun ivarja ħafna skont fejn ikun seħħ l-inċident tat-traffiku.

54. It-tieni nett, meta wieħed iqis illi l-intenzjoni tal-leġislatura tal-UE hi li tipproteġi l-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku minħabba illi jaqgħu f'kategorija ta' persuni partikolarment vulnerabbli⁴⁴, dan il-għan ma jkunx jintlaħaq sew jekk f'it mill-assiguraturi jitħallew jillimitaw l-assigurazzjoni pprovduta minnhom għad-dannu materjali biss.

55. It-tielet nett, din id-differenza fit-trattament bejn l-assiguraturi jista' jkollha effetti ħżiena fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Fil-fatt, il-pretensjonijiet għall-kumpens fir-rigward tad-dannu mhux materjali ta' spiss jitressqu f'kawżi relatati mal-inċidenti tat-traffiku, u xi kultant dawn jistgħu jinvolvu ammonti sostanzjali. Diskrepanza sinifikanti bejn l-assiguraturi li joperaw f'diversi partijiet tas-suq intern tal-UE, f'dak li jirrigwarda r-responsabbiltà ċivili li jista' jkollhom dawk l-assiguraturi, tista' twassal għat-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fis-suq tal-assigurazzjoni⁴⁵.

ii) Limitazzjoni tar-responsabbiltà konġunta tal-assigurat

56. F'dak illi jirrigwarda t-tieni kontradizzjoni possibbli msemmija fil-punt 36 iktar 'il fuq, nosserva illi jirriżulta ċar biżżejjed mill-ġurisprudenza eżistenti illi Stat Membru ma jistax jeskludi jew jillimita r-responsabbiltà għad-dannu tal-assiguraturi sal-punt fejn il-kumpens għal dak id-dannu jkollu (kollu kemm hu jew parti minnu) jintalab direttament mis-sewwieq jew minn sid il-karozza.

40 — C-203/99, Ġabra 2001, p. I-3569).

41 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1 p. 257, kif emendata.

42 — Is-sentenza Veedfald, punt 27.

43 — Ara ukoll il-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12.

44 — Ara, f'dan ir-rigward, il-ħames premessa fil-preambolu tat-Tielet Direttiva. Ara wkoll il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fis-sentenza Carvalho Ferreira Santos, punt 66, u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Stix-Hackl fis-sentenza Farrell, punti 52 u 53.

45 — F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar illi l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi kienu ġew adottati abbażi jew ta' dak illi issa huwa l-Artikolu 114 TFUE jew ta' dak illi issa huwa l-Artikolu 115 TFUE, liema regoli jippermettu l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali illi jaffettwaw it-twaqqif jew il-funzjonament tas-suq intern.

57. Fil-fatt dan ikun jirriżulta flimitazzjoni tal-assigurazzjoni li sfaċċatament tisfida l-prinċipju illi l-assigurazzjoni obligatorja għandha tippermetti lill-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn vetturi jiġu kkompensati għad-dannu kollu subit minnhom, sa daww l-ammonti stabbiliti fl-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi⁴⁶. Kif sostna l-Avukat Ġenerali Mengozzi meta kien qiegħed jirreferi għad-Direttiva 2009/103, din id-Direttiva “hija bbażata fuq l-idea li l-assigurazzjoni fil-prinċipju *dejjem* għandha tagħti kumpens lill-vittmi, ħliet jekk l-inċident li jkun vittmi tiegħu jaqa' fl-ambitu ta' waħda mill-eċċezzjonijiet indikati espliċitament fit-test tagħha”⁴⁷. Jidherli li din l-istqarrija hija applikabbli wkoll fir-rigward tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi. Ma' dan inżid illi dawn id-Direttivi huma wkoll ibbażati fuq l-idea illi l-assiguratur għandu, fil-prinċipju, jikkompensa lill-vittmi *b'mod sħiħ*, fi ħdan il-limiti u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi.

58. Fil-fatt hija għal din ir-raġuni illi fis-sentenza Nguyen, il-Qorti tal-EFTA kkonkludiet illi d-dispożizzjonijiet Norveġiżi li llimitaw il-punt sa fejn il-vittmi jistgħu jiksibu l-kumpens għad-danni mhux materjali mingħand is-sewwieq biss, u illi eskludew dan it-tip ta' kumpens mill-assigurazzjoni obligatorja, ma kinux kompatibbli mal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi⁴⁸.

iii) Il-każ ineżami

59. Minkejja dan, jidherli illi l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata, febda wieħed mill-modi deskritti iżjed 'il fuq ma jkser l-obbligu li tiġi pprovduta l-assigurazzjoni skont l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva.

60. Min-naħa l-oħra, huwa ċar illi l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata ma jeskludix *in toto* l-kumpens għad-dannu mhux materjali kkawżat mill-inċidenti tat-traffiku. Fil-fatt it-tieni paragrafu ta' din id-dispożizzjoni jipprovdni illi t-tip ta' dannu rregolat jirrigwarda “korriment fiżiku jew mentali illi għandu impatt negattiv fuq l-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum u fuq l-interazzjoni soċjali fil-ħajja tal-persuna li tkun korriet, irrispettivament ta' xi konsegwenzi fuq l-abbiltà ta' dik il-persuna li tiġġenera dħul finanzjarju”.

61. Min naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tindika illi l-parti offiża ma tistax tippretendi kumpens ieħor direttament mingħand id-detentur tal-polza abbażi ta' xi dispożizzjonijiet legali nazzjonali oħra. Dan ifisser illi l-assigurazzjoni tirrifletti l-obbligi rilevanti tar-responsabbiltà ċivili. Kif ikkonferma l-Gvern Taljan waqt is-seduta, l-iskop tal-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata huwa sempliċiment illi jikkwantifika sa fejn għandu jingħata l-kumpens għad-dannu mhux materjali lill-vittmi, u mhux li jllimita r-responsabbiltà tal-assiguraturi fil-konfront ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku, u b'hekk jgħaddi parti minn dik ir-responsabbiltà lill-individwi li jkun assignurati⁴⁹.

62. Abbażi ta' dawn ir-raġunijiet, jien jidherli illi dispożizzjoni bħalma hi l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata ma hijiex inkompatibbli mal-obbligu li tiġi pprovduta l-assigurazzjoni skont l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, kif issupplimentat mit-Tieni u mit-Tielet Direttivi.

46 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza C-129/94 Ruiz Bernáldez, Ġabra 1996, p. I-1829, punt 18.

47 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Churchill Insurance Company Limited u Evans, punt 50.

48 — Sentenza tal-20 ta' Ġunju 2008, kawża E-8/07, Celina Nguyen vs Staten v/Justis- og politidepartementet, b'mod partikolari l-punti 3 u 4, u 19 sa 29. Din is-sentenza tista' tinsab fuq is-sit tal-internet <http://www.eftacourt.int>. Ġie ppubblikat ukoll sommarju ta' din is-sentenza fil-Ġurnal Uffiċjali (ĠU C 263, 16.10.2008, p. 4).

49 — Fl-interess tal-kompletezza, għandu jiġi indikat illi Unipol u l-Kummissjoni ssuġġerew interpretazzjoni differenti tal-liġijiet Taljani rilevanti, permezz ta' liema ma ġiex esklużi illi l-vittmi tal-inċidenti tat-traffiku setgħu jifhem kawża għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali kontra s-sewwieq waħdu, abbażi tal-Artikoli 2043 u 2059 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, fil-każ ta' dannu li jaqbeż il-limitu ta' dak illi huwa rrikonossut skont l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata. Madankollu, fin-nuqqas ta' informazzjoni fattwali iżjed iddetaljata dwar din il-kwistjoni, ma nara ebda raġuni għaliex, fil-kawża preżenti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha titbiegħed mill-ġurisprudenza konsistenti tagħha, illi skontha “ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, dwar l-intepretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u jekk il-mod kif tintepretahom il-qorti tar-rinviju huwiex korrett. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qorti tal-UE u daww nazzjonali, il-kuntest fattwali u leġislattiv, kif deskritt fid-deċiżjoni tar-rinviju li fih isiru d-domandi preliminari”. Ara, fost bosta, is-sentenza C-153/02, Neri, Ġabra 2003 p. I-13555, punti 34 u 35, u s-sentenza mogħtija fil-Kawża Magħquda C-482/01 u C-493/01, Orfanopoulos u Oliveri, Ġabra 2004, p. I-5257, punt 42.

b) L-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata jippriva lill-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi mill-effikaċja tagħhom?

i) Osservazzjonijiet ġenerali

63. Il-pass li jmiss fl-analiżi ġuridika tiegħi f'din il-kawża jittratta l-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni bħall-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata għandhiex l-effett illi tippriva l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi mill-effikaċja tagħhom, billi ċċaħħad lill-vittmi mid-dritt tagħhom għall-kumpens jew billi tillimita dan id-dritt b'mod sproporzjonat.

64. Fil-fatt, kif indikat iktar 'il fuq, ir-regoli u l-prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-responsabbiltà ċivili tal-assiguraturi, kif ukoll l-ammont ta' kumpens illi għandu jitħallas lill-vittmi minn dawn l-impriżi, huma kwistjonijiet li jiġu rregolati mid-dritt nazzjonali⁵⁰. Barra dan, jidherli ċar illi l-Istati Membri għandhom igawdu minn livell sinifikanti ta' setgħa diskrezzjonali f'dan il-qasam legali.

65. Wieħed għandu jżomm f'moħħu illi, minkejja ċerti karatteristiċi komuni, ftit mill-aspetti tad-dritt illi jirrigwarda d-delitti jiġu rregolati b'mod profundament differenti fid-diversi Stati Membri. Ir-regoli nazzjonali rilevanti jistgħu, fil-fatt, jiġu bbażati fuq firxa ta' prinċipji sostantivi u proċedurali illi jvarjaw, *inter alia*, skont il-prassi ġuridika f'kull pajjiż. F'dan il-kuntest, bilkemm huwa neċessarju illi wieħed jiġbed l-attenzjoni għall-fatt illi r-regoli li jirrigwardaw id-delitti huma pjuttost fundamentali għas-sistemi tad-dritt privat tal-Istati Membri. Il-leġislatura tal-UE sostniet b'mod ċar illi huma l-Istati Membri li għandhom jirregolaw dawn il-kwistjonijiet, u kien b'mod konxju illi għażlet li ma tadottax l-armonizzazzjoni f'dan ir-rigward. Min-naħa tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja wkoll għandha tqis bir-reqqa l-effetti fuq dawn is-sistemi fit-totalità tagħhom meta tkun qiegħda tiġġudika f'sentenzi illi jaffettwaw dan il-qasam.

66. Għalhekk id-dispożizzjonijiet rilevanti nazzjonali għandhom jitqiesu bħala inkompatibbli mad-dritt tal-UE biss meta l-obbligu li tiġi pprovduta l-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili għal dannu kkawżat minn vetturi bil-mutur, kif iddefinit u ggarantit mill-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi, jiġi żgurat fit-teorija iżda mhux fil-prattika. Fi kliem ieħor, id-dritt tal-UE jipprekludi l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar ir-responsabbiltà ċivili fil-kuntest ta' inċidenti tat-traffiku, biss sa fejn dawn ir-regoli jkunu jipperikolaw l-effikaċja tas-sistema stabbilita permezz ta' dawn id-direttivi.

ii) Il-każ ineżami

67. Il-kwistjonijiet imqajma mill-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata huma essenzjalment tlieta: l-ewwel nett, Stat Membru huwa intitolat illi jintroduċi parametri statutorji li huma vinkolanti fuq il-qrati nazzjonali meta dawn jiġu biex jiddeterminaw il-livell ta' dannu kkawżat minn inċident tat-traffiku? It-tieni nett, il-parametri stabbiliti fl-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata jirriżultaw f'limitazzjoni sproporzjonata tal-kumpens dovut lill-vittmi? It-tielet nett, tista' limitazzjoni sproporzjonata ta' dan il-kumpens toriġina mill-fatt illi, kif allegat, id-"dannu psikoloġiku" ma jistax jiġi kkunsidrat mill-qorti nazzjonali?

68. Dwar l-ewwel kwistjoni ġuridika mqajma, jien jidherli illi waħdu, il-fatt illi Stat Membru, bħall-Italja, jiddeċiedi illi jintroduċi leġislazzjoni li tistabilixxi parametri vinkolanti biex jiġi ddeterminat id-dannu mhux materjali kkawżat minn inċidenti tat-traffiku, ma jikser ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-UE.

50 — Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, it-tieni premessa fil-preambolu tat-Tieni Direttiva, kif ukoll l-Artikolu 1a tat-Tielet Direttiva u t-tieni premessa fil-preambolu tagħha. Ara wkoll il-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13.

69. Ċertament, il-leġiżlatura Taljana setgħet għamlet għażla ta' politika differenti, billi ħalliet l-ammont tal-kumpens dovut għad-dannu mhux materjali jiġi ddeterminat mill-qrati nazzjonali, abbażi tal-evidenza mogħtija mill-partijiet u/jew abbażi tal-ekwità. Sa fejn jidhirli, din kienet is-sistema applikabbli fl-Italja qabel ma ġie ppromulgat il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata, kif ukoll is-sistema illi tidher li kienet meqjusa bħala l-iżjed waħda xierqa mill-qorti tar-rinviju.

70. Madankollu jidhirli illi ż-żewġ għażliet regolatorji huma ugwalment leġittimi mill-punt tad-dritt tal-UE. Huwa ċar illi l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi ma jimponu ebda waħda minn dawn is-sistemi, jew jiffavorixxu lil xi waħda iżjed mill-oħra. Barra dan, jidher illi kull waħda minn dawn is-sistemi għandha ċerti vantaġġi.

71. Il-benefiċċju ewlieni li jeżisti meta d-determinazzjoni tal-livell tad-dannu jitħalla fidejn il-qrati nazzjonali jirriżulta mill-fatt illi dawn il-qrati huma kapaċi jqisu ċ-ċirkostanzi u l-karatteristiċi partikolari kollha ta' każ. Għalhekk huwa probabbli li l-kumpens mogħti, f'dak li jikkonċerna l-valur fi flus, ikun jirrifletti dak illi, f'mument partikolari u f'post partikolari, jiġi rrikonossut bħala xieraq fir-rigward tad-dannu subit mill-vittma.

72. Min-naħa l-oħra, jistgħu jinkisbu benefiċċji oħra billi wieħed jagħżel illi jintroduċi parametri statutorji li jkunu jorbtu lill-qrati nazzjonali, minkejja l-fatt illi inevitabbilmment dan ikun irażżan is-setgħa diskrezzjonali ta' dawn il-qrati, u b'hekk inaqqas l-abbiltà tagħhom li jistabbilixxu l-ammont ta' kumpens illi jidhrilhom li huwa ġust skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Pereżempju, dan jista' jirrendi l-livelli tal-kumpens iżjed prevedibbli, u b'hekk isaħħaħ iċ-ċertezza legali u jnaqqas mill-bżonn illi wieħed jirrikorri għal-litigazzjoni. Bl-istess mod, dan jista' jippermetti lill-impriżi tal-assigurazzjoni li jagħmlu stimi iżjed preċiżi tar-riskju finanzjaru tagħhom maż-żmien. Dan it-tnaqqis tar-riskji potenzjali jista' jkollu effetti favorevoli fuq il-primjums imposti fuq is-sidien tal-vetturi.

73. F'dan ir-rigward jien naqbel ma' Unipol u mal-Gvern Taljan illi enfasizzaw li teżisti korrelazzjoni inevitabbli u diretta bejn l-ammont ta' kumpens mogħti għad-dannu u għall-korriment subit minħabba l-inċidenti tat-traffiku, u l-primjums ġeneralment imposti mill-impriżi tal-assigurazzjoni. Għaldaqstant, jista' jkun qed jagħmel għażla politika leġittima Stat Membru li jiddetermina, u skont kif ikun il-każ, li jillimita *ex ante* l-valur fi flus attribwit lid-dannu mhux materjali, b'tali mod illi jippermetti lill-impriżi tal-assigurazzjoni jbaxxu l-primjums tagħhom, għall-benefiċċju tas-sidien tal-karozzi iġenerali.

74. Jien jidhirli li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja illi għandha teżamina dawn l-għażliet ta' politika magħmulha mill-Istati Membri f'dan il-qasam. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss tassisti lill-qrati nazzjonali sabiex dawn ikunu jistgħu jevalwaw jekk, *in concreto*, il-parametri stabbiliti f'dispożizzjonijiet bħalma huwa l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata, jirriżultawx flimitazzjoni sproporzjonata tal-kumpens dovut lill-vittmi.

75. Dan iwassalni għat-tieni kwistjoni mqajma mill-qorti tar-rinviju.

76. F'dan il-punt għandi nammetti illi ma hijiex biċċa xogħol faċli illi wieħed jistabbilixxi regola jew prinċipju ġenerali biex jivverifika jekk livell speċifiku ta' kumpens mogħti huwiex proporzjonali għad-dannu subit jew le, meta l-għan ikun li jiġi rriparat tip ta' dannu illi – kif imsemmi iktar 'il fuq – ma jistax jiġi ddeterminat b'mod oġġettiv b'referenza għal xi kriterju jew sostitut ekonomiku.

77. L-uniku prinċipju li jista' jinsab fit-test kemm tal-Ewwel, it-Tieni, u t-Tielet Direttivi huwa dak ta' "suffiċjenza" fir-rigward tal-kumpens. Il-ħames premessa fil-preambolu tat-Tieni Direttiva tistipula illi "l-ammonti li fir-rigward tagħhom l-assigurazzjoni hi obligatorja għandhom fi kwalunkwe każ jiggarrantixxu lill-vittmi kumpens adegwat irrispettivament mill-Istat Membru li fih seħħ l-inċident".

78. Madankollu, jidhirli li dak illi jista' jiġi meqjus bħala suffiċjenti jew xieraq fi Stat Membru wieħed mhux bilfors ikun meqjus l-istess fi Stat Membru ieħor. Dan huwa partikolarment il-każ f'dak illi jirrigwarda t-tipi ta' dannu relatati mal-interessi ta' valur personali ta' individwu u li ma jistgħux jiġu kkwantifikati fis-sens ta' telf finanzjarju.

79. Fil-fehma tiegħi, is-suffiċjenza tal-kumpens f'każ speċifiku tista' tiġi ddeterminata biss b'referenza għall-valur speċifiku konness, fi ħdan l-ordni ġuridiku nazzjonali, mal-interessi affettwati ta' individwu. Għaldaqstant, huwa pjuttost diffiċli għall-Qorti tal-Ġustizzja illi tevalwa s-suffiċjenza tal-kumpens dovut għad-dannu mhux materjali skont is-sistema ġuridika ta' Stat Membru.

80. Dan huwa iżjed minnu, meta d-dannu subit mill-vittma, bħal fil-każ preżenti, ikun ikkaġunat minn korrimenti fiżiċi ħfief. F'dan ir-rigward jien intenni illi l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata sempliċement jirregola l-kumpens pagabbli għad-dannu mhux materjali fil-każ ta' inċidenti tat-traffiku illi jinvolvu korrimenti fiżiċi ħfief. Fil-każ ta' inċidenti illi jikkaġunaw korrimenti fiżiċi iżjed sinifikanti, japplikaw dispożizzjonijiet legali oħra.

81. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma nara xejn fil-fajl tal-każ illi jissuġġerixxi li l-kumpens dovut abbażi tal-parametri stabbiliti fl-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata ma huwiex adegwat. L-ammonti indikati fih ċertament ma humiex insinifikanti jew minimi. Ma jidhirli illi l-kumpens li, skont il-qorti tar-rinviju, Unipol diġà ħalset lill-Petillo, billi applikat din ir-regola, huwa neglijabbli għat-tip ta' dannu deskritt fl-ordni tar-rinviju.

82. Il-qorti tar-rinviju tikkontesta l-fatt illi dawn il-parametri huma differenti minn dawk żviluppati fil-ġurisprudenza tal-qorti Taljani fir-rigward ta' każijiet ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, li ma jirrigwardawx l-inċidenti tat-traffiku. Madankollu, l-aktar l-aktar din hija kwistjoni li għandha tiġi eżaminata skont id-drift nazzjonali, pereżempju, fid-dawl tal-prinċipju tal-ugwaljanza.

83. Ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tista' tirriżulta f'numru ta' ċirkostanzi partikolarment wesgħin u differenti. Ma teżisti ebda dispożizzjoni fl-Ewwel, fit-Tieni u fit-Tielet Direttivi li, bħala prinċipju, tipprevjeni lill-leġislaturi nazzjonali milli jistabbilixxu sistemi speċifiċi ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali addattati għall-karatteristiċi partikolari tal-inċidenti tat-traffiku.

84. Għar-raġunijiet mogħtija fil-punti preċedenti, ma narax għaliex l-applikazzjoni tal-parametri stabbiliti fl-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata tirriżulta fl-limitazzjoni sproporzjonata tal-kumpens dovut lill-vittmi tal-inċidenti tat-traffiku.

85. Fl-aħħar nett, f'dak illi jikkonċerna t-tielet kwistjoni legali mqajma mill-qorti tar-rinviju, li tirrigwarda l-allegazzjoni illi ma ġiex irriparat id-"dannu psikoloġiku", jidhirli illi anki din il-kwistjoni, hija irrilevanti fil-kuntest tal-analiżi preżenti.

86. Skont dak illi qiegħed nifhem mill-ispejgazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, li waqt is-seduta ġew ikkonfermati mill-Gvern Taljan u minn Unipol, jidher illi hemm xi nuqqas ta' ftehim fost il-qorti Taljani dwar it-tifsira preċiża tal-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata. Xi wħud mill-qorti nazzjonali jidhrilhom illi d-"dannu psikoloġiku" (kunċett pjuttost simili għal dak illi huwa magħruf bħala "uġiġħ u sofferenza" f'ċerti sistemi ġuridiċi) ma huwiex kopert mill-kumpens stabbilit skont l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata. Dan għandu l-konsegwenza illi jista' jingħata iżjed kumpens meta l-eżistenza ta' dan id-dannu addizzjonali jiġi debitament ippruvat mill-vittmi. Min-naħa l-oħra, skont fehma awtoritattiva oħra, ir-riparazzjoni għad-"dannu psikoloġiku" diġà ġie kkunsidrat fil-kumpens li hemm provvediment għalih fl-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata; dan peress illi t-test ta' dik id-dispożizzjoni tirreferi għal "korrimenti fiżiku jew mentali ... illi għandu impatt negattiv fuq l-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum u fuq l-interazzjoni soċjali fil-ħajja tal-persuna li tkun korriet".

87. F'dan ir-rigward nixtieq sempliċiment nosserva illi, tkun xi tkun l-interpretazzjoni l-korretta tad-dispożizzjoni nazzjonali (kwistjoni li għandhom jiddeċiedu dwarha l-qradi Taljani), il-liġijiet rilevanti Taljani jagħmlu tabilħaqq provvedimenti għall-kumpens fir-rigward tal-korrimenti fiżiċi jew mentali subiti minn persuni li jkunu sfaw vittmi ta' inċidenti, indipendentement minn kif dawn il-korrimenti jistgħu jaffettwaw l-abbiltà tal-persuna kkonċernata li tiġġenera dħul finanzjarju.

88. Konsegwentement, fil-fehma tiegħi, l-unika kwistjoni valida hi jekk dak il-kumpens jistax jitqies bħala “adekwat” jew le. Kif id-dannu li għandu jiġi kkompensat jiġi msejjaħ fid-dritt nazzjonali huwa irrelevanti f'dan ir-rigward. Kif diġà semmejt iktar 'il fuq, ma nara ebda indikazzjoni illi l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata jstabbilixxi parametri li jirriżultaw f'kumpens mhux adegwat fir-rigward tad-dannu mhux materjali.

89. Għalhekk, jien nikkonkludi illi dispożizzjoni bħalma hi l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata ma għandhiex l-effett illi tippriva l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi mill-effikaċja tagħhom billi ċċaħħad lill-vittmi mid-dritt illi jiġu kkompensati jew billi tillimita dan id-dritt b'mod sproporzjonat.

C – Kunsiderazzjonijiet rationae temporis

90. Fl-aħħar nett, nixtieq inżid illi jidhrili illi anki li kieku d-Direttiva 2009/103 kellha tapplika għall-kawża inkwistjoni, ir-risposta illi għandha tingħata lill-qorti tar-rinviju ma għandhiex tkun differenti.

91. Din id-direttiva sempliċiment tikkodifika l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttiva fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità⁵¹. Barra dan, id-dispożizzjonijiet tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi li huma rilevanti għall-kawża preżenti ma ġewx emendati b'xi mod sinifikanti.

92. B'mod partikolari, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/103 jagħti definizzjoni ta' “il-parti li tkun soffriet il-ħsara” [il-parti offiża] illi hija identika għal dik tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Direttiva. Barra dan, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103 jipprovdli illi kemm il-ħsara lill-proprietà kif ukoll id-dannu personali għandhom jiġu koperti mill-assigurazzjoni obbligatorja, kif diġà ġie speċifikat fl-Artikolu 1a tat-Tielet Direttiva. Fl-aħħar nett, il-premessa 3 fil-preambolu tad-Direttiva 2009/103, u l-Artikolu 3 tagħha jikkonfermaw illi r-responsabbiltà koperta u t-termini u l-kundizzjonijiet tal-assigurazzjoni jibqgħu jkunu kwistjonijiet illi fil-prinċipju jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.

IV – Konklużjoni

93. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet li saru iktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi t-talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Tivoli (l-Italja) skont kif ġej:

L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, l-Artikolu 1(1) tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, u l-Artikolu 1a tat-Tielet Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, għandhom jiġu interpretati fis-sens illi ma jipprekludux dispożizzjonijiet nazzjonali, bħall-Artikolu 139 tad-Digriet Leġiżlattiv

51 — Ara l-premessa 1 fil-preambolu tad-Direttiva 2009/103.

Nru 209 tas-7 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi l-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Privata, li jiddetermina kriterji għall-kwantifikazzjoni tal-kumpens pagabbli mill-assiguratur għad-dannu mhux materjali subit minn vittmi tal-inċidenti tat-traffiku.